MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) (GURISDIZZJONI SUPERJURI) (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**MAGISTRAT DR.
PAUL COPPINI**

Seduta tal-5 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 10/2005

Mario Farrugia .

vs

Valerie mart Mario Farrugia
minnu legalment separata .

Il-Qorti ,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta :

Illi l-partijiet iżżewgu fil-hamsa (5) ta' Frar tas-sena elf disa' mija erbgha u disghin (1994) u minn dan iz-zwieg kellhom tifel Shaun Sam Farrugia li twieled fl-erbgha (4) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija erbgha u disghin (1994) :

Illi z-zwieg bejn il-kontendenti kien null minhabba difett fil-kunsens tal-kontendenti li nkiseb bi vjolenza morali u biza kif jigi pruvat dettaljatament waqt is-smiegh ta' l-istess kawza ;

Ukoll illi l-kunsens tal-kontendenti kien vizjat ukoll b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju essenzjali fuq il-hajja mizzewwga, fuq id-drittijiet u dmirijiet matrimonjali u/jew b'anomalija psikologika serja li jaghmilha impossibbli ghall-kontendenti li jaqdu d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg .

Talab lill-konvenuta tgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti :

1. tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-kontendenti li sar fil-hamsa (5) ta' Frar tas-sena elf disa' mija erbgha u disghin (1994) kien null u bla effett ghal finijiet u effetti kollha tal-Ligi sa mill-ewwel gurnata tieghu minhabba r-ragunijiet u kawzali fuq imsemmija jew xi wahda jew aktar minnhom, kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza .

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta debitament ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur debitament ikkonfermata bil-ġurament tiegħu .

Rat ir-riferta pożittiva tal-konvenuta li għażlet li tibqa' kontumaċi .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa, l-affidavits u dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz tal-kawża preżenti l-attur qed jitlob dikjarazzjoni ta' nullita' taż-żwieġ tiegħu mal-konvenuta għax allegatament il-kunsens għal dan iż-żwieġ kien ivvizzjat bil-vjolenza morali u biża u wkoll għax kien jeżisti fil-partijiet difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, fuq id-drittijiet u dmirijiet matrimonjali

u/jew b'anomalija psikoloġika serja li jagħmilha mpossibli għall-kontendenti li jaqdu d-dmirijiet essenzjali taż-żwieġ .

Illi l-prova ta' kwalunkwe waħda minn dawn ir-raġunijiet hija suffiċjenti biex tirrendi żwieġ null skond il-liġi tagħna . Il-kompitu ta' din il-Qorti huwa għalhekk li tara u teżamina jekk iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ in eżami, jistgħux iwassluha għall-konklużjoni illi teżisti xi waħda jew aktar minn dawn ir-raġunijiet li tirrendi żwieġ null skond l-Att dwar iż-żwieġ (Kap. 255) .

L-ewwel raġuni mressqa mill-attur hija dik kontemplata fl-artikolu 19(1)(a) tal-Liġi taż-żwieġ . Fuq il-vjolenza bħala vizzju tal-kunsens u għalhekk raġuni għan-nullita' ta' żwieġ il-**Borsari** jgħid illi :

"*Che la violenza sia contraria alla liberta' del consenso nel matrionio come in qualsivoglia altra convenzione umana, non e' chi dubiti . Eppure, ben considerando, si vede che nell'atto pratico il dolo puo' influire ancor piu' della violenza, che cessa nell'aula serena del magistrato e alla sua presenza, sicche' in quel momento siete perfettamente libero . Per contro, voi rimanete sotto la impressione dei tanti artifici che hanno condotto a quel passo, e piu' tardi soltanto vi sara' dato di scoprire l'inganno .*

*La violenza e' fisica o morale: essa deve presentare i caratteri che sono divisati negli articoli 1112, 1113 e 1114, e costituiscono la teoria della violenza in quanto e' causa di nullita' dei contratti . Apprezzarla nelle sue circostanze concrete e' ufficio del giudice, che in materia si grave come la presente, vorra' ben essere persuaso che il matrimonio e' stato il prodotto diretto e certo di una violenza irresistibile"* (Commentario del Codice Civile Italiano : ed. 187l # 279 pag. 400) .

Il-ġurista franċiż **Toullier** jidħol iktar fid-dettal u jispjega fuq din ir-raġuni ta' nullita' illi :

"….. *il costringimento puo' essere morale e nascosto : lo spirito puo' essere costretto, sebbene il corpo sia libero .*

*Tale costringimento puo' provenire o da cattivi trattamenti, o da minacce anteriori al momento della celebrazione del matrimonio : il timore che ne risulta puo' esser tale che determini la persona costretta a dare suo malgrado innanzi l'uffiziale dello stato civile un consenso libero in apparenza .*

*Vi ha dunque allora consenso da parte di chi agisce per timore, perche' egli si determina con un atto di sua volonta' eseguito con riflessione, la sua scelta cade sopra due cose, ad ambe le quali egli in verita' ripugna, ma egli in fine sceglie, e non ci ha scelta senza volonta' o senza consenso .*

*….. Se vi ha una specie di volonta' nella persona che ama meglio contrarre un matromonio di sua ripugnanza che esporsi ad un male maggiore, la sua liberta' e' relattiva ed il costringimento e assoluto . Il consenso imperfetto che ella da' al matrimonio, coincide colla volonta' di non contrarlo, se non vi era forzata con un illegale costringimento . Un simile consenso non puo' essere valido, perche' non e' libero . Il matrimonio e' dunque nullo, quando anche' l'altro sposo non fosse autore ne' complice della violenza, quando anche egli l'avesse ignorata, art. 1111 ; con piu' di ragione se egli fosse stato a parte della violenza. Imperocche' allora egli non avrebbe piu' diritto ad accettare una promessa estorta con una violenza a lui imputabile, e di cui e' obbligato a riparare le conseguenze, egualmente che a risarcire il danno che ne ha sofferto la persona violentata .*

*Non ogni specie di costringimento basta per annulare il consenso . Uopo e' che la violenza sia tale da fare impressione "sopra una persona ragionevole, e possa ispirare il timore di esporre la persona propria o le facolta' ad un male considerevole e presente . Si riguardano in questa materia la eta', il sesso e la condizione delle persone"(art. 1112) .*

*….. E' di necessita' in fine che il costringimento abbia direttamente per oggetto il matrimonio*."

(Il Diritto Civile Francese, 2da ed. Napoletana – 1830 ; *Della violenza o del costringimento* pag. 355 – 356) ; (ara wkoll sentenza tal-Prim'Awla tal-15.7.1983 (Imhallef W. Gulia j.) u oħra ta' din il-Qorti tas-7.3.1986 (Mag. N. Cuschieri) dwar annullament ta' żwieġ għal raġunijiet simili ta' vjolenza fiżika u morali u/jew biża' bħala vizzju tal-kunsens, b'applikazzjoni wkoll tal-prinċipji ġenerali tal-kuntratti) .

Ir-raġuni l-oħra mresqqa mill-attur għall-annullament ta' dan iż-żwieġ hija dik kontemplata fl-artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 . Ikun hemm ***difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju***, meta xi waħda mill-partijiet, għalkemm ma jistgħax jingħad li tbati minn infermita' mentali, tkun daħlet għal din ir-rabta konjugali mingħajr maturita' biżżejjed għaż-żwieġ .

L-Imħallef Rotali **Davino** innota li n-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju, kawsali simili fid-dritt kanoniku għan-nullita' taż-żwieġ, jfisser ukoll in-nuqqas ta' kapaċita' fil-partijiet kontraenti li jilħqu ammont suffiċjenti ta' riflessjoni proporzjonata għall-kuntratt konjugali, li hija fakulta' riflessiva meħtieġa għall-istat nuzjali (monito. Ecclesiastices, 108(1983) 504, u. 2. cfr. Ch. Defebvre : "Defectus Discretionis indicii in Rotali Iurisprudentia in Periodica, 69, (1980) p. 55 – 7) : "*This is the capacity to put together judgements already reached to form a new judgement i.e. affirm or deny something about the objects of consent (in this case marriage) . A sufficient mature capacity to judge and to reason, to make a practical evaluation of the nature and essential obligations of marriage . The critical faculty is the faculty to combine reasoned judgement to form a new judgement . In marriage, the person about to marry must have the capacity to argue and reason inside of himself whether he should, first of all marry at any given time, and secondly, marry the person proposed as his/her spouse . He/she must internally turn over the reasons for and against whether to take the other person for a commitment of a lifetime, which commitment would have to include the giving of one self to the other, the rendering of mutual service, and the institution with the other person of a*

*lifetime full of a life of mutual help, respect and self-sacrifice*" (vide sentenza *coram anne* – 22.7.69, SRRD No. 1. 61, pp. 864 - 865 n. 3) .

Jirriżulta mill-provi prodotti, illi l-partijiet kienu ltaqgħu ix-Xlendi Għawdex, ftit xhur biss wara li l-konvenuta kienet romlot . Kien għad kellha ħamsa u għoxrin (25) sena u kellha żewġt itfal żgħar . Żewġha kien miet f'inċident tat-traffiku . Kellu l-vizzju tal-logħob u ma ħallielha xejn għajr żewġ liri (Lm2) għħall-għixien tagħha u ta' uliedha . Kienet ġejja minn familja mfarrka, ommha u missierha kienu t-tnejn alkaholiċi, u wara din id-disgrazzja ma sabet ebda għajnuna mingħandhom . Sakemm bdiet tirċievi xi benefiċċji soċjali, kienu jiġbrulha xi ħaġa tal-flus il-ġirien . Kienet spiċċat poġġiet lit-tfal f'istitut tas-sorijiet biex tkun tista' toħroġ taħdem . F'tali ċirkostanzi ħarġet tqila mill-attur ftit biss wara li saret tafu . Rinfaċċjat b'din is-sitwazzjoni l-attur, ġuvni ta' tnejn u tletin (32) sena, li skond oħtu u sħabu qatt ma kellu ebda intenzjoni ta' żwieġ, ħassu responsabbli għal din il-kumplikazzjoni u, inkoraġġit anke mill-Arċipriet tax-Xagħra, biex ma jabbandunax mara f'tali ċirkostanzi, ddeċieda li jiżżewwiġha malajr kemm jsta' jkun . Infatti l-partijiet żżewġġu meta l-konvenuta ġia kellha sitt xhur tqala fis-sagristija tal-Knisja Parrokkjali tax-Xagħra, mingħajr ebda preparamenti u ċerimonji ta' xejn .

L-inkwiet ma damx ma tfaċċa wara ż-żwieġ, għax minkejja illi l-attur ġabar anke t-tfal l-oħra tal-konvenuta taħt is-saqaf tiegħu u din ma kelliex għalfejn tibqa' taħdem, billi beda jipprovdilhom għall-bżonnijiet kollha hu, tant li kien idum sigħat twal jaħdem, ftit li xejn kien hemm komunikazzjoni tajba bejniethom . Il-konvenuta, li sqarret illi qatt ma ħabbet lill-attur, imma sempliċement sabitu konvenjenti għaliha f'mument daqstant diffiċli f'ħajjitha, meta ħabta u sabta sabet ruħha armla abbandunata minn kulħadd u mingħajr il-mezzi biex tgħajjex il-familja tagħha, infexxet fix-xorb, tant li darba minnhom kellha anke tittieħed l-isptar meta belgħet flixkun pilloli mal-vodka . L-attur x'ħin kien jara lill-konvenuta f'din is-sitwazzjoni kien isir vjolenti u mhux l-ewwel darba li sawwatha bis-saħħa u anke kkawżalha ġriehi kif jirriżulta miċ-ċertifikati mediċi u

ritratti esebiti . Kien ukoll ta' spiss jgħajjarha illi kien "ġ*abarha mill-qiegħ tal-Belt*", u li kien għamel hekk minħabba t-tarbija li kienu ġabu mir-relazjoni tagħhom qabel iż-żwieġ . Fl-aħħar spiċċaw infirdu għal kollox u llum jgħixu separatament .

Għalkemm ma jistax jingħad illi ġiet eżerċitata xi vjolenza fiżika jew morali minn xi terzi fuq l-attur, huwa evidenti illi l-attur ħassu kostrett jiżżewweġ lill-konvenuta minħabba t-tqala tagħha fl-agħar mumenti ta' ħajjitha . Ma jirriżultax jekk il-konvenuta dan għamlitux intenzjonalment sabiex iġġiegħel lill-attur, li kien wera interess fiha u kkumpatiha meta l-iktar li kellha bżonn l-għajnuna, iħossu moralment obbligat li ma jabbandunahiex f'tali ċirkostanzi . Imma fi kwalukwe każ ma jistax jingħad illi l-għażla ta' l-attur kienet waħda libera għal kollox . Minkejja li ma kien hemm ħadd iġiegħlu jagħmel dan il-pass taż-żwieġ, xorta waħda ħassu kostrett illi bħala l-persuna responabbli għal din it-tqala, l-unika soluzzjoni kienet illi jiżżewweġ lill-konvenuta . Din in-nuqqas ta' xelta libera ta' l-attur spiċċat mbagħad biex esponiet ruħha fil-vjolenza li kien jinfexx fiha fil-mumenti diffiċli tal-ħajja miżżewġa .

Jirriżulta għalhekk sodisfaċentement illi dan iż-żwieġ kien ivvizzjat bil-vjolenza morali fil-grad spejgat fil-prinċipji legali hawn fuq esposti .

Ir-raġuni l-oħra msemmija mill-attur fiċ-ċitazzjoni tiegħu għaliex l-istess żwieġ kien null irriżultat wkoll . Ċertament kien hemm nuqqas ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju miż-żewġ partijiet għal dan iż-żwieġ . F'temp ta' ftit xhur biss minn meta kienu ltaqgħu l-ewwel darba, żgur li ma kienx hemm żmien biżżejjed biex il-partijiet isiru jafu sew lil xulxin, u wisq inqas x'kien il-karattru, l-vizzji u d-debollizzi rispettivi . L-attur ma kellu ebda intenzjoni li jiżżewweġ hekk malajr, u kif ingħad l-unika raġuni li ġiegħlitu jagħmel dan il-pass, kienet it-tqala mhux ippjanata tal-konvenuta f'ċirkostanzi daqstant traġiċi għaliha .

Minn naħa l-oħra l-konvenuta stess ammettiet illi hija qatt ma ħabbet lill-attur u lanqas kienet tħoss xejn għalieh tant illi anke l-att taż-żwieġ kien biss dmir li kellha tissoporti .

Għaliha l-attur kien biss is-soluzzjoni f'waqtha tal-problemi kbar li kellha tħabbat wiċċha magħhom in segwitu għall-mewt mhux mistennija ta' l-ewwel raġel tagħha . Huwa ovvju għalhekk illi għaliha dan kien biss żwieġ ta' konvenjenza, nieqes għal kollox mill-vera motivazzjonijiet li suppost iwasslu koppja għall-ħajja miżżewġa .

Għaldaqstant jirriżulta illi ġew ippruvati sodisfaċentement iż-żewġ raġunijiet imressqa mill-attur għall-annnullament ta' dan iż-żwieġ .

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi tilqa’ t-talba attriċi u tiddikjara li ż-żwieġ bejn il-kontendenti li sar fil-ħamsa (5) ta’ Frar tas-sena elf disa’ mija erbgħa u disgħin (1994) kien null u bla effett għall-finijiet u effetti kollha tal-Liġi sa mill-ewwel ġurnata tiegħu sew minħabba vjolenza morali a tenur ta’ l-artikolu 19 (1)(a) tal-Kap. 255, kif ukoll minħabba difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju essenzjali fuq il-ħajja miżżewġa, u fuq id-drittijiet u dmirijiet matrimonjali a tenur ta' l-artikolu 19 (1) (d) ta' l-istess kapitolu tal-liġi .

L-ispejjeż tal-kawża, fiċ-ċirkostanzi partikjolari tal-każ, u billi ma tistax tiġi mputata xi ħtija partikolari fuq xi waħda mill-partijiet aktar mill-oħra, għandhom jiġu ssoportati ugwalment bejn il-kontendenti .

Fl-aħħarnett tordna illi kopja uffiċċjali ta’ din is-sentenza tiġi notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex sabiex isiru d-debiti notamenti fuq l-Att ta’ Żwieġ relattiv skond il-liġi .

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------